**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 12**

**Avviz Nru: 1246/01AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas- socjeta estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Tsuneo Fujita sija bil-polza sija bil-ligi u l-istess Tsuneo Fujita**

**vs**

**Philip Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u tmenin lira Maltija u tlieta u disghajn centezmu (Lm582.93), rimbors ta' danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Awissu 2000 gewwa Triq Stabal, Qormi bejn il-vettura bin-numru BBJ 301 misjuqa mill-

attur Tsuneo Fujita u l-vettura bin-numru JAS 906 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 7) u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-21 ta' Awissu 2000 gewwa Triq Stabal, Qormi.

2. L-unika xhieda li tressqet fil-kors ta' dawn il-proceduri hija dik ta' l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz (PS585 Joseph Bayliss). Fir-rapport imhejji minn dan ix-xhud, insibu verzjonijiet kontrastanti ta' kif sehh l-incident tat-traffiku in kwistjoni.

3. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova (*iuxta allegata et probata*). Kien l-oneru ta' l-atturi li jipprovaw li l-incident gara b'tort tal-konvenut. Fin-nuqqas li titressaq tali prova l-azzjoni ma jistax ezitu favorevoli ghall-atturi, anke jekk il-

konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhuwiex obbligat li jipprova – li dak li gara kien tort ta' l-attur.

4. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u minhabba n-nuqqas ta' provi, it-Tribunal ma jistax f'dan il-kaz ighid li, fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemu, huwa moralment sodisfatt li l-atturi ssodisfaw l-oneru tal-prova taghhom, li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza, jew li b'xi mod ikkontribwixxa ghalih.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddecidi l-kawza billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**